DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Dipartiment tal-Kurrikulu u *eLearning*
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2010**

Ro

StudentBounty.com

## L-EWWEL SENA MALTI ĦIN: SAGĦTEJN

Isem: ______________________________ Klassi: ____________

**ISTRUZZJONIJIET LILL-ISTUDENTI:**

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a

2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

**GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA**

**SKEMA TA' MARKI**

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F(i) | F(ii) | Ġ | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 10 | 26 | 4 | 5 | 5 | 14 | 16 | 20 | 100 |
| Marki tal-istudent/a | | | | | | | | | |

**KUMMENTI**



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ**

Aqra sewwa din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet:

# L-ILMA



Tista' timmaġina kieku kellek tqum xi darba filgħodu, tmur biex tiftaħ il-vit tal-ilma u ma joħroġ xejn? Mingħajr ilma, la tkun tista' taħsel snienek, la taħsel xagħrek, la tagħmel tazza tè jew kafè, u lanqas tieħu *shower*. Hija ħaġa diffiċli li timmaġina l-ħajja mingħajr ilma. (*par.* 1)

Bħalma karozza ma tistax timxi mingħajr petrol, il-bniedem ma jistax jgħix mingħajr ilma. (*par.* 2)

Il-bniedem jgħix sa xahar mingħajr ikel iżda ma jistax jgħix aktar minn tlett ijiem mingħajr ilma. L-ilma huwa tajjeb għall-moħħ biex jgħinek tikkonċentra fl-iskola. (*par.* 3)

L-ilma huwa bżonnjuż ukoll għax jifforma parti mil-likwidu ta' madwar il-ġogi biex b'hekk tilwi l-irkopptejn u l-mikbejn waqt l-isports. (*par.* 4)

L-ilma qiegħed isir aktar prezzjuż, fid-dawl tat-tibdil tal-klima, u n-nuqqas tal-ilma jista' jwassal għall-mard f'diversi pajjiżi tad-dinja. (*par.* 5)

Il-problema tan-nuqqas tal-ilma wasslet anke għall-ġlied. Aktar ma l-popolazzjoni dinjija tikber, akbar hi l-possibbiltà ta' gwerer bejn pajjiżi li jużaw l-istess sorsi ta' ilma, ewlenin fosthom ix-xmajjar li minnhom jiddependu għall-ilma diversi pajjiżi li jmissu magħhom. (*par.* 6)

**A. FEHIM IT-TEST** (10 marki)

1. Semmi żewġ affarijiet li tagħmel filgħodu fejn inti tuża l-ilma. (*par.* 1)

______________________________________________________________

______________________________________________________________ (2)

2. X'jeħtieġ il-bniedem biex jgħix?

______________________________________________________________ (1)



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

3. Skont it-tieni paragrafu ta' din is-silta, għalxiex inhu tajjeb l-ilma?

______________________________________________________________________

4. Minn xiex huwa ffurmat parti mil-likwidu ta' madwar il-ġogi?

______________________________________________________________________ (1)

5. Għaliex l-ilma qiegħed isir aktar prezzjuż?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

6. X'qiegħed jiġri minħabba n-nuqqas tal-ilma?

______________________________________________________________________ (1)

7. Agħti żewġ eżempji ta' kif inti tista' tibża' għall-ilma.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

**B. GĦARFIEN IL-LINGWA** (26 marka)

**(i) ANALIŻI TESTWALI**

1. L-ilma huwa tajjeb għall-moħħ għax jgħin***ek*** tikkonċentra fl-iskola. (*par*. 3)

Għalxiex qiegħed jirreferi l-pronom mehmuż ***ek*** fil-kelma jgħin***ek***?

______________________________________________________________________ (1)

2. …. jiddependu għall-ilma diversi pajjiżi li jmissu magħhom. (*par*. 6)

Għalxiex qiegħda tirreferi l-kelma *magħhom*?

______________________________________________________________________ (1)

**(ii) LESSIKU / VOKABULARJU**

3. L-ilma huwa ***bżonnjuż***. (*par*. 4) ***bżonnjuż*** tfisser:

importanti ________; neċessarju ________; maħmuġ ________. (1)

4. Il-kelma ***gwerer*** (*par*. 6) tfisser: ġlied; ftehim; paċi?

Tfisser ______________________________________________ (1)

5. Mis-silta sib kliem li jfisser l-istess bħal:

a. tqila (*par*. 1) ________________________________________

b. jagħmel (*par*. 4) ________________________________________



StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

ċ. differenza (*par*. 5) ________________________________________

d. tiżdied (*par*.6) ________________________________________

**(iii) SINTASSI / SENTENZI**

Ikteb din is-sentenza mod ieħor mingħajr ma tibdel it-tifsira.

1. Il-bniedem jgħix sa xahar mingħajr ikel iżda ma jistax jgħix aktar minn tlett ijiem mingħajr ilma.

Il-bniedem ma jistax jgħix ________________________________________

________________________________________ (2)

2. Għaqqad dawn iż-żewġ sentenzi mingħajr ma tuża l-konġunzjoni ***u***.

Il-bniedem ma jistax jgħix mingħajr ilma. Karozza ma tistax timxi mingħajr petrol.

________________________________________

________________________________________ (2)

**(iv) GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA**

a. Oħroġ kelma mill-għerq mogħti fil-parentesi.

1. Biex ______________________ (għ-j-x) fil-kampanja jkollok bżonn ta' karozza.

2. Li kieku l-klima tal-Isvezja ______________________________ (negattiv ta' kien) daqshekk kiesħa, kont nemigra hemm.

3. Li kieku kont re, jien kont ___________________________ (ħ-k-m) bil-ġustizzja.

4. Jekk jogħġbok _______________________ (q-t-għ) l-għaġina.

5. _________________________ (d-l-k) il-wiċċ bil-ġamm.

6. _________________________ (waħħal + x) karti. (6)

b. Imla l-vojt f'dan il-paragrafu.

Min ma kienx jaf lil Ġanni tal- ____________________________ (ħ-l-b)! Raġel xwejjaħ bix- ______________________ (x-għ-l) aktar milli biż- ______________________ (ż-m-n) u b'mustaċċi li kienu jostru par _______________________ (x-ff) li qatt ma raw id-dawl tax-xemx. (4)



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

ċ. Ikteb kelma fil-vojt skont kif mitlub/a.

| | |
|---|---|
| 1. Jiena ____________________ ktieb fil-ġimgħa. | Q-R-J |
| 2. Bħalissa __________________  ___________________ storja interessanti. | K-T-B |
| 3. Waqt li ___________________  ___________________ daħlet ommi. | R-Q-D |
| 4. Min ______________________ żomm miegħu. | Q-R-J |

(4)

## Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI (4 marki)

a. Imla l-vojt billi tkompli dawn il-**Qwiel**.

1. Meta inti jkollok il-ġuħ u tmur torqod mingħajr ma tiekol ommok tgħidlek min jorqod _______ ____________________ joħlom ___________ ftajjar. (1)

2. Min jieħu ftit tal-paċenzja, illum jew għada jirnexxilu jikseb dak li jrid; għalhekk ngħidu li min ____________________ jithenna. (1)

b. Ikteb fil-vojt **idjoma** b'kulur minflok il-kliem fil-parentesi.

1. Thomas kellu (qalbu mnikkta ħafna) _________________________________ meta tilef it-tim tiegħu. (1)

2. Mary dehret li kellha qatgħa kbira fuqha għaliex saret (pallida ħafna)_______________________ _____________________. (1)

## D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV (5 marki)



Imla l-vojt bi kliem li jagħmel sens f'dan id-djalogu.

Mark: Lisa, int ___________________ xejn il-kompjuter din is-sena?

Lisa: Użajtu ħafna speċjalment għax-xogħol tal- _______________________.

Mark: Mela bħali, allaħares ma kienx il- ________________________ biex għamilt ir-riċerka tiegħi.

Lisa: Kemm sibtu t'għajnuna fil-proġett _______________________________.

Mark: Anki jien sibtu utli ħafna għal kull ______________________________ li nistudja fl-iskola.



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## E. TIFTIX – TRAWWIM KULTURALI – FOLKLOR

Ikteb tliet (3) sentenzi fuq xi wieħed mis-suġġetti li fittixt dwaru għall-proġett tal-Folklor Malti.

Isem tas-suġġett:

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

## F. (i) LETTERATURA – NADRIET 1 (14-il marka)

**A.** *Il-Bikja tal-Buskett* ta' Oliver Friggieri



Ħarruba xiħa qaltli
kif kibret u trabbiet,
u ftaħret kif minn fuqha
ġrew hienja ż-żminijiet: ...

1. Ikteb il-kelma li tiddeskrivi lill-ħarruba.

______________________________ (1)

2. Sib eżempju ta' personifikazzjoni u agħti t-tifsira tiegħu.

______________________________

______________________________ (2)

3. Iż-żewġ kelmiet li jirrimaw huma ______________________________ u

______________________________. (2)



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

4. F'madwar għoxrin kelma ikteb dwar dak li qalet il-ħarruba f'din il-poeżija.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (3)

5. *Il-Ħolma t'Alla* ta' Anton Buttigieg hija wkoll poeżija dwar is-sabiħ tal-ambjent naturali li ħalaq Alla. Mis-silta li ġejja irriga l-vers li jurina kif għandna nimxu ġewwa l-ħolma t'Alla.

Għalhekk meta tmur timxi fil-kampanja, ftakar sewwa
illi qed timxi ġewwa l-ħolma t'Alla;
irfes bil-mod, imxi bis-skiet u l-qima. (1)

6. Semmi poeżija oħra (barra t-tnejn t'hawn fuq) li titkellem ukoll fuq is-sabiħ tan-natura Maltija.

______________________________________________________________________ (2)

**B. Aktar Nadriet Poetiċi**

*Il-Ħerża* ta' Marjanu Vella; *Tristis Est Anima Mea* ta' Rużar Briffa; *Xmara Ħamra, Bruka Xiħa* ta' Victor Fenech; *Raħal Twelidi* ta' Karmenu Vassallo; *Il-Kebbies tal-Fanali* ta' Anton Buttigieg.

Agħżel poeżija **WAĦDA** mil-lista t'hawn fuq u f'madwar għoxrin kelma ikteb il-ħsieb tagħha.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (3)

**F. (ii) LETTERATURA – PROŻA** (16-il marka)

**A. Stejjer Minn Tarf ir-Raħal** ta' Ġorġ Borġ

Imla l-vojt.

1. L-omm qalet lil Ruben li s-santa taċ-ċikwejra kienet turi lil Ġesù ______________________________ meta fil-fatt kienet turi lil Ġesù ______________________________. (2)



StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

2. F' *In-Niżla tal-Ganċ* l-irġiel baqgħu mistagħġba meta lill-ajk rawh ________________
__________________________________________________________.

3. F' *Il-Ħamiem tal-Barumbara* t-tifel kien jieħu l-ħamiem f'raħal jew fuq xi għolja biex
__________________________________________________________. (1)

**B. Stejjer tal-Linka** – Sedqa (6 marki)

Agħżel **WAĦDA** u ikteb madwar tletin kelma fuqha.

Fil-kitba *L-iskola*, għid kif it-tifla kienet tħares lejn l-iskola tagħha.

**JEW**

Ikteb dwar it-tfulija kif qrajt fis-silta *Bil-Ħarqa u bil-Limousine.*

__________________________________________________________
__________________________________________________________
__________________________________________________________
__________________________________________________________
__________________________________________________________
__________________________________________________________

**Ċ. Meta Jaqa' ċ-Ċpar** ta' Trevor Żahra (6 marki)

F'madwar tletin kelma ikteb fuq il-laqgħa li kellhom it-tfal ma' Jeħuda u Risk ġod-dar f'Buġibba.

**JEW**

Irrakkonta l-ġrajja ta' meta t-tfal għaddew miċ-ċpar: fejn ġew, x'raw, ma' min għamlu ħbieb eċċ.

__________________________________________________________
__________________________________________________________
__________________________________________________________
__________________________________________________________
__________________________________________________________
__________________________________________________________

**Ġ. KOMPONIMENT** (20 marka)

Ikteb madwar 150 kelma dwar **WIEĦED** minn dawn. Ikteb fuq karta separata.

1. Dan is-sajf nixtieq.......(kompli)
2. Il-ġimgħa tal-festa fir-raħal/ fil-belt tiegħek.
3. Qattajt tmiem il-ġimgħa għand iz-zijiet.
4. Barbikju mal-familja jew mal-ħbieb.
5. Is-suġġetti favoriti tiegħi fl-iskola.



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers